MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Rikors Numru. 18/2003/1

Rikors Nru: 18/2003

Kummissarju ta' l-Art

vs

Surgeon Maria u Anthony Francis Meilak

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijiet fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghal Ftehim datat 19 ta' Frar 2003 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art limiti ta' Bir id-Deheb, Zejtun tal-kejl ta' madwar 448 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' l-istess wirrieta ta' Eric

Meilak u mil-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ Vincent Caruana huwa ta’ sittax-il elf, mija u erbghin lira Maltija (Lm16,140) kif jidher mir-rapport tal-perit Fred. H Valentino A&CE tat-8 ta’ Frar 2003 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tal-11 ta’ Marzu, 2003 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ tmienja u erbghin elf, erba’ mija u hamsin lira Maltija (Lm 48,500).

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).
Ra li l-intimati pprezentaw ir-risposta taghhom fil-11 ta’ Marzu, 2003 fejn esponew:

Illi bil-prezenti s-Surgeon Maria Meilak ta’ 152 St Mary Street, Tarxien u Anthony Francis Meilak ta’ 2, Dawret ix-Xatt, Xghajra, Zabbar, b’referenza ghall-Avviz ghall-Ftehim datat 19 ta’ Frar 2002, li bih infuramjthom illi l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thalllas lilhom ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta’ bicca art limiti ta’ Bir id-Deheb, Zejtun, tal-kejl ta’ madwar 448 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma’ proprjeta’ ta’ l-istess wirrieta ta’ Eric Meilak u mil-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ Vincent Caruana huwa ta’ sittax-il elf, mija u erbghin lira Maltija (Lm16,140) jgharrfuk ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li huma ma jaccettawx dan il-kumpens, izda jippretendu minflok kumpens ta’ tmienja u erbghin elf, erba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm48,450).

Tant ghall-informazzjoni tieghek u sabiex taghraf tirregola ruhek.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu tal-5 ta' Mejju, 2004 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Michelangelo Refalo u l-AIC Godfrey Vella.

Ra r-relazzjoni tal-imsemmija periti li kienu ghamlu access fil-prezenza tal-partijiet fis-16 ta' Frar 2005.

Ikkunsidra:

1. Ir-rikorrent qed joffri bhala kumpens l-ammont ta' Lm16,140 skond stima maghmula mill-Perit Frederick Valentino. L-intimati qed jitolbu s-somma ta' Lm48,450.

2. Il-periti mahtura mill-Bord waslu ghall-ammont ta' Lm16,200 u r-rapport ghandu jaghmel parti shiha minn din is-sentenza u l-Bord hu marbut bir-relazzjoni tal-periti.

Il-Bord wara li ra l-artikolu 27 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta u x-xhieda tal-perit Leonard Zammit jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jittrasferulu b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera bicca art fil-limiti ta' Bir id-Deheb, Zejtun, tal-kejl ta' madwar 448 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' l-istess werrieta ta' Eric Meilak u mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Vincent Caruana bil-kumpens ta' sittax-il elf u mitejn lira Maltija (Lm16,200), jghamar li l-kuntratt isir minn Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku bhala nutar tar-rikorrent nhar it-tlettax (13) ta' Settembru, 2006 fid-9:30a.m; fl-ufficju tar-rikorrent; jahtar lil Dottor Karl Briffa biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci u ghalhekk ghandu jigi mgharraf mir-rikorrent b'din il-hatra;

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u

dak hekk stabbilit mill-Bord, ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------